MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' April, 2013

Numru. 511/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**

**vs**

**GORDON SCHEMBRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gordon Schembri ta’ 18-il sena, iben Edwin u Nathalina nee' Galea, imwieled 7 ta' April 1986 Pieta', u residenti 15A Flat G, Triq il-Wilga Paceville, San Giljan. ID 207386M.

Gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Mejju 2004, f'xi hin bejn il-hdax (23.00hrs) u s-siegha ta filghodu (01.00hrs) minn gewwa l-istabilliment 'Sinners in Heaven' ta' Triq San Gorg, San Giljan;

1. ikkometta serq ta' handbag ta' kulur abjad, mazz cwievet, u oggetti ohra, li l-valur taghhom ma jeddecix il-mitt Lira Maltin (Lm100) ghad-dannu ta' Josette Caruana, liema serq huwa kwalifikat bil-'hin', u dan kollu bi ksur ta' Artikolu 270 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. ikkometta serq ta' handbag ta' kulur iswed, telefon cellulari tal-marka Siemens, erbghin Lira (Lm40) fi flus kontanti u oggetti ohra, li l-valur taghhom jeccedi l-mitt Lira maltin (Lm100), izda inqas minn elf Lira (Lm1000), ghad dannu ta' Bernice Elaine Borg, liema serq huwa kwalifikat bil-'valur' u 'hin', u dan kolli bi ksur ta' Artikoli 267 u 270 ta' Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat aktar talli nhar it-2 ta' Mejju 2004 u l-gimghat ta' qabel gewwa San Giljan u bnadi ohra meta sab hwejjeg u cioe Pocket PC tal-marka XDA, li kien naqas lil persuna jew li din tkun tilfet, ma gharrafx biha, fi zmien tlett ijiem lil Pulizija Esekuttiva u dan kollu bi ksur ta' Artikolu 340 (c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U akkuzat aktar talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' *probation*, moghtija nhar it-22 ta' Ottubru 2003, mill-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit bhala Dok MS2 u nnutat li l-imputat Gordon Schembri m'ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Gordon Schembri iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-imputat kellu passat ferm difficli u dan rigward l-ambjent familjari u spicca fi stat ta' indigenza tant li spicca la kellu fejn jorqod u lanqas x'jiekol u dan baqa' sejjer sakemm kellu 18-il sena u konsegwentement umilment issottomettew li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 261 (c) u (f), 267, 270, 279(a), 280(1) u 340(c) tal-Kap. 9 u l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Gordon Schembri, fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat Gordon Schembri taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u sabiex ikun assistit u inoltre tikkundana lill-istess imputat Gordon Schembri ghall-piena ta' tlett mitt Ewro (Ewro 300) multa.
Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat Gordon Schembri.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi Gordon Schembri kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat Gordon Schembri l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------